# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 1774/99**

**Numru 33**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Caruana abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u l-istess Joseph Caruana.**

**vs**

**John Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici sabiex previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta skond il-Ligi, il-konvenut ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' sitt mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm627.91), in kwantu ghal erba' mija u sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm427.51) jew

somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Joseph Caruana, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u in kwantu ghal hamsin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm50.40) lill-attur Joseph Caruana, ammont rapprezentanti d-danni lilu kagunat bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu, piu' mija u hamsin Lira Maltin (Lm150.00,0) ammont rapprezentanti *excess payment*, li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilisitku li sehh fil-24 t'Ottubru 1997 ghall-habta ta' 9.00a.m. gewwa Buskett Road, Rabat, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAN 651, propjeta' ta' l-attur Joseph Caruana u misjuqa minnu stess, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni R-3156(M), liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-oosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja ta' 4 ta' Marzu 1998, u dawk ta' l-ittra gudizzjarja li intbaghtet mal-avviz lis-socjeta' R. von Brockdorff Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta estera Commercial Union Assurance Co. p.l.c. u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra gudizzjarja ta' 4 ta' Marzu 1998 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 13 u 15 tal-atti kif ukoll id-dokumenti a fol 17 sa 22 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-4 ta' Dicembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm427.51,0 u lill-attur Joseph Caruana s-somma ta' Lm200.40,0 b'kollox Lm627.91,0 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra gudizzjarja tal-4 ta' Marzu 1998, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri gudizzjarji tal-4 ta' Marzu 1998 u tat-3 ta' Dicembru 1999 imsemmijin fl-istess avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur